MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 171/2002/1

**Eco Pure Premium Water Co. Ltd**

**Vs**

**Fama Distributors Limited u Carmelo Curmi**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-8 ta' Marzu tas-sena 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:**

**1. Jikkonsenjaw lura lis-socjeta' attrici fi zmien qasir li din l-qorti joghgobha tiffissa, *water dispenser* lilhom konsenjata mis-socjeta' attrici b'titolu ta' kera' f'Gunju tas-sena 1999, stante li huma naqsu milli jhallsu l-kera miftiehma sa minn Gunju tas-sena 2000, prevja d-dikjarazzjoni li l-kirja hija terminata minhabba l-inadempjenza da parti taghhom, u fin-nuqqas li jikkonsenjaw l-istess *dispenser* fiz-zmien fiss mill-qorti ihallsu lis-socjeta' attrici l-ammont ta' mija u hamsin lira (Lm150) rapprezentanti valur ta' l-istess *dispenser*;**

**2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Ottubru 2001, u bl-imghax kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata l-14 ta' Mejju tas-sena 2002 li permezz taghha eccepew is-segwenti:**

**1. Illi l-konvenut Carmelo Curmi m'huwiex il-legittimu kontradittur u dan billi huwa qatt ma gie ikkonsenjat water dispenser minghand is-socjeta' attrici kif allegat fl-avviz tas-smiegh ta'din il-kawza;**

**2. Illi s-socjeta' konvenuta ma tistax tirritorna l-water dispenser mertu ta' din il-kawza u dan billi l-water dispenser tinsab fil-pussess ta' terzi liema terzi ma jridux jghaddu l-magna lis-sidien taghha minkejja li gew interpellati diversi drabi sabiex jaghmlu dan u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**3. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Ezaminat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi s-socjeta' attrici fost affarijiet ohra tikri "water dispensers";**

**2. Illi fl-10 ta' Gunju ta' l-1999 is-socjeta' attrici kriet "water dispenser" lis-socjeta' konvenuta Fama Distributors Limited skond kif jidher fid-dokument immarkat Dok CG1 a fol 13;**

**3. Illi skond id-dokument immarkat Dok CG2 a fol 14, l-istess socjeta' konvenuta ikkonkludiet kuntratt ulterjuri mas-socjeta' attrici ghax-xiri ta' ilma ghall-istess "dispenser";**

**4. Illi l-pagament dovut ghall-ewwel sena thallas regolarment mis-socjeta' konvenuta;**

**5. Illi l-pagament ghat-tieni sena pero' baqa' ma thallasx;**

**6. Illi ghalhekk qed issir din il-procedura;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi mid-dokumenti pprezentati u mix-xhieda mismugha hu assodat li l-konvenut Carmelo Curmi hu legalment estraneu u konsegwentement din il-qorti takkolji l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tillibera lill-konvenut Carmelo Curmi mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez ta' dan il-kap kontra s-socjeta' attrici;**

**Illi fir-rigward tar-relazzjoni bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta din il-qorti hi sodisfatta li l-allegazjonijiet attrici gew abbundantement ipprovati;**

**Illi invista tal-premess din il-qorti, filwaqt li tirrespingi t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara li l-kirja meritu ta' din il-procedura hi terminata minhabba inadempjenza da parti tas-socjeta' konvenuta Fama Distributors Limited;**

**2. L-istess socjeta' konvenuta tikkonsenja lura lis-socjeta' attrici l-"water dispenser" meritu ta' din il-kawza fi zmien hmistax-il gurnata (15) mil-lum;**

**3. Illi fin-nuqqas is-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150.00,0), fiz-zmien hmistax-il gurnata (15), mill-iskadenza msemmija fil-paragrafu precedenti;**

**4. Bl-ispejjez relattivi u bl-imghaxijiet dovuti kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**